22 ta' Mejju, 1967

**Imhallef:**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D. — President.**

Anthony Ciantar

*versus*

Joseph Gellel

**Appell — Inferjuri — Eċċezzjonijiet, Nota' — Nuqqas ta' — Kontumaċja — Żgumbrament — Inkwilin, minn.**

*Minn ma jippreżentax nota ta' l-eċċezzjonijiet f'appell inferjuri ma jiġix b'daqshekk kontumaċi. L-inkwilin għandu d-dritt jitlob liż-żgumbrament ta' terzi mill-fond lokat lilu.*

Il-Qorti, rat it-talba tal-attur quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għal Malta għall-kundanna

tal-konvenut sabiex jiżgombra mill-garage Nru. 44 Archbishop Gonzi Square, Kalkara, fi żmien qasir u perentorju li tistabilixxi l-Qorti, peress li qiegħed jokkupah mingħajr titolu — bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra nterpellatorja tas-16 ta' Jannar, 1967, kontra l-konvenut li ġie inġjunt biex jidher għas-subizzjoni u bid-dikjarazzjoni li, għall-fini tal-kompetenza, il-valur lokatizju ta' dana l-post huwa inqas minn għaxar liri ( £10) ;

Rat il-verbal tad-9 ta' Marzu, 1967 li permezz tiegħu l-konvenut eċċepixxa li huwa qiegħed jokkupa l-fond b'titolu ta' lokazzjoni;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti, ukoll tad-9 ta' Marzu, 1967 li biha iddikjarat il-ġudizzju mhux integru u għalhekk illiberat lil konvenut mill-osservanza tiegħu bl-ispejjeż kontra l-attur wara li kkunsidrat:—

Tant l-attur kemm-il konvenut jippretendu li krew il-fond in kwistjoni mingħand sidu. Minn dan jitniżżel li ebda rapport ġuridiku dirett ma jeżisti bejn il-kontendenti u li l-azzjoni eżerċitata mill-attur, bażata kif inhi fuq il-pretiża eżistenza ta' dritt purament personali, mhix esperibbli "erga omnes". Għall-integrità tal-ġudizzju, għalhekk, il-preżenza, ta' sid il-post bħala attur jew konvenut kienet mill-bidu nett meħtieġa, kif jidher ukoll mill-konsiderazzjoni li, biex tkun tista' tiġi milqugħa jew miċħuda t-talba tal-attur, hija indispensabilment meħtieġa l-preċedenti dikjarazzjoni dwar il-pretiż titolu tiegħu ta' kerrej fil-konfronti ta' sid il-post — liema dikjarazzjoni, barra dikjarazzjonijiet oħra li talvolta jirriżultaw neċessarji in segwitu għall-eċċezzjoni tal-konvenut, l-attur kien jaf mill-bidu nett li ma setatx tingħata jekk mhux bl-intervent ta' sid il-post bħala co-attur oppure in kontestazzjoni tiegħu wkoll.

Kif jidher minn verbal ieħor tal-lum stess, ebda wieħed

mill-kontendenti ma hu pront jirrimedja għal dana n-nuqqas ta' integrità tal-ġudizzju billi jikkjama in kawża sid il-post in kwistjoni.

Rat in-nota li biha l-attur appella minn dik is-sentenza u ċ-ċitazzjoni tiegħu li biha talab li tiġi revokata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut.

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet it-trattazzjoni u kkunsidrat —

Qabel xejn, kif jidher mill-verbal reġistrat fis-seduta tas-7 ta' April, 1967, Dottor Cassar Galea għall-appellant irrileva illi, peress li ma ġietx preżentata nota ta' l-eċċezzjonijiet, l-appellat għandu jitqies kontumaċi. Hu għamel riferenza għall-artikoli 172 u 173 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili u ssottometta illi, għalkemm dawn l-artikoli ma jgħidu xejn espressament, għandu jiġi ritenut illi japplikaw id-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-proċedura b'ċitazzjoni: anki l-istess formula taċ-ċitazzjoni li tiġi użata għal dawn l-appelli issemmi n-nota ta' l-eċċezzjonijiet.

Fil-fehma tal-Qorti, għalkemm fil-prattika aktarx illi wara ċ-ċitazzjoni li biha jsir appell minn sentenza tal-Qrati Inferjuri l-appellat jippreżenta nota ta' eċċezzjonijiet, in-nuqqas ta' preżentata ta' nota simili ma jġib ebda konsegwenza legali. Il-proċedura preskritta fl-artikolu 172 u 173 għal dawn l-appelli hi sommarja. Iċ-ċitazzjoni ma jkunx fiha ħlief talba għarregola jew forma tas-sentenza appellata mingħajr ebda indikazzjoni ta' motivi. Id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 158 jidhru mill-kontest kollu tagħhom li jirriferixxu għal proċedura b'ċitazzjoni quddiem Qrati Superjuri ta' prim'istanza u fil-fehma tal-Qorti ma għandhomx jiġu estiżi għal proċedura liċ-ċitazzjoni preskritta għal dawn l-appelli bl-imsemmijin artikoli 172 u 173.

Tibqa' għalhekk il-kwistjoni tal-meritu ta' l-appell. Il-*pretensjoni ta'* l-attur *tidher li hi illi hu ilu* għal diversi snin kerrej tal-fond in kwistjoni, iżda xi żmien ilu ikkonċeda l-użu ta' l-fond lill-konvenut prekarjament: meta però l-attur talab lil konvenut biex joħroġ il-konvenut irrifjuta għax jidher li qed jippretendi li issa hu kera l-fond mingħand is-sid.

Fis-seduta tas-7 ta' April, 1967 il-Qorti ġiet murija da parti ta' l-attur ktieb tar-riċevuti li juri illi hu ilu jħallsa kera tal-fond *in* kwistjoni lis-sid mit-23 ta' Lulju, 1962 bid-£9, kull sitt xhur, bil-quddiem, u li l-kera jinsab imħallas sat-30 ta' Jannar, 1967.

Da parti ta' l-konvenut il-Qorti ġiet murija riċevuta datata 19 ta' Jannar, 1967 li turi kera mħallas lill-istess sid għall-fond in kwistjoni, bir-rata ta' £22.0.0. kull sitt xhur mill-1 ta' Jannar, 1967 sat-3 ta' Ġunju, 1967.

Dan donnu juri illi almenu sat-30 ta' Jannar, 1967 il-kerrej tal-fond kien l-attur. Iċ-*ċitazzjoni* quddiem l-ewwel Qorti ġiet preżentata fis-26 ta' Jannar, 1967. Jekk jirriżulta veru — u din hi kwistjoni ta' meritu — illi l-attur kien il-kerrej tal-*fond u ta'* l-użu tiegħu prekarjament lill-konvenut, ma jistax jingħad, fil-fehma tal-Qorti, kif jingħad fis-sentenza appellata, illi "bejn il-kontendenti ma jeżisti ebda rapport ġuridiku" relativament għall-azzjoni eżerċitata. Ġie ritenut diversi drabi mill-Qrati tagħna illi kerrej ta' fond — għalkemm id-dritt tiegħu mhux "in rem" — għandu *azzjoni diretta* biex jiżgombra persuna li tkun qed tokkupa l-istess fond bla titolu (Vol. XXXVII, i, 447 u sentenza ċitati fiha).

Jekk il-konvenut jippretendi illi l-lokazzjoni ta' l-attur spiċċat u li l-fond ġie issa validament mikri lilu — din ukoll hi kwistjoni ta' meritu — talvolta kien imiss lilu li jikkjama fil-kawża lis-sid biex jiddefendi din il-pożizzjoni tiegħu.

*Imma sa fejn* jirrigwarda lill-attur, in bażi għall-pretensjoni *kif hu jiddeduċiha*, il-Qorti *ma jidhrilhiex li jista' jingħad illi l-ġudizzju ma* kienx integru. Biex jirriżulta — jekk dan hu l-fatt — *illi* l-attur kellu l-lokazzjoni tal-fond kif donnu jidher mill-ktieb *tal-kera*, hawn fuq imsemmi, ma kienitx indispensabbli l-preżenza tas-sid fil-kawża, u kif intqal, imiss talvolta lill-konvenut jekk hu jippretendi illi s-sid għamel lokazzjoni valida lilu li talvolta jġigħel dan jirriżulta f'din il-kawża fil-konfront ukoll tas-sid.

Inoltre, skond l-artikolu 960 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, il-kjamata fil-kawża tista' tiġi ordnata, meta hemm lok għaliha anki mingħajr ebda talba tal-partijiet, u din il-Qorti fil-kawżi "Avukat Dr Caruana vs Dr. Buhagiar" App. Civ. 4 ta' Marzu, 1963 u "Maria Pace vs Dr Sammut" App. Ċiv. 3 ta' Ġunju, 1963 irriteniet illi meta Qorti ta' prim'istanza tirrikonoxxi n-neċessità tal-kjamata fil-kawża, id-diskrezzjoni tagħha ssir dover u ma jkunx hemm lok għal-liberazzjoni mill-osservanza iżda biss għall-kjamata fil-kawża mill-Qorti "ex officio". B'dan il-mod tiġi evitata l-moltiplikazzjoni ta' kawża u faċilitata l-amministrazzjoni aktar spedita tal-ġustizzja.

Għal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata u tordna li l-atti jiġu mibgħuta lura lill-ewwel *Qorti* għall-kontinwazzjoni tal-kawża. L-ispejjeż *ta' prim'istanza jibqgħu* riżervati għad-deċiżjoni finali li tingħata *minn din il-Qorti* l-ispejjeż ta' l-appell jitħallsu mill-appellat.